2 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Thomas Agius Delicata

**Frode Kummerċjali — Konkors ta' Reati u Pieni — Art. 23 u Art. 19(d) tal-Kap. 12**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi l-ħati ta' delitt wieħed jew aktar, u ta' kuntravvenzjoni waħda jew aktar, jiġi kundannat biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta' aktar minn delitt wieħed skond ir-regoli tal-konkors ta' reati u pieni, jekk il-piena li għandha tingħata għad-delitt ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija jew lavuri furzati, tippresupponi l-applikazzjoni effettiva tal-piena; u kwindi mhix applikabbli meta għad-delitt li hu punibbli b'aktar minn tliet xhur priġunerija jew lavuri furzati kien hemm, mhux l-applikazzjoni tal-piena, imma s-sospensjoni tagħha taħt l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali. Għax bl-applikazzjoni ta' dak l-artikolu hemm biss id-dikjarazzjoni ta' reità, imma ma hemmx kundanna għall-piena.*

*Għaldaqstant, mhix aċċettabbli l-allegazzjoni illi, la darba l-ħati ġie dikjarat ħati ta' frode kummerċjali, u ġie liberat taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, ma messux ġie kundannat u mogħti piena għall-imputazzjonijiet oħra li dwarhom ġie misjub ukoll ħati billi hu jallega li ġie misjub ħati ta' dak id-delitt, u dan huwa punibbli bil-piena ta' aktar minn tliet xhur priġunerija jew lavuri furzati.*

*U ma tiswiex l-allegazzjoni illi, jekk in-normi tal-konkors ta' reati u pieni ma jiġux applikati fl-istess kawża fejn ġie liberat kondizzjonatament, huwa jista' jitlef il-benefiċċju tal-konkors kommiżurativ tal-pieni fil-każ li huwa jikkommetti delitt ieħor fit-terminu preskrizzjonali.*

Il-Qorti; — Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-5 ta' Diċembru 1956, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni flismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi dwar l-imputazzjoni illi l-imputat, il-Ħamrun jew imkejjen oħra, f'dawn ix-xhur, għamel użu xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema, li kien fihom indikazzjoni li tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' żejt; biegħ listess żejt tal-ikel b'marka, sinjal, tabella jew emblema, li kien fihom indikazzjoni li tqarraq lix-xerrejja dwar ix-xorta ta' żejt; waħħal fuq merkanzija, jiġifieri flixexken b'żejt ċifra, kelma jew marka, b'deskrizzjoni kummerċjali falsa, li skond l-użu tal-kummerċ tiswa biex turi l-lok jew pajjiż li fih il-merkanzija ġiet maħduma jew prodotta; xtara żejt tal-ikel minn għand persuna li ma jafhiex; kellu u żamm taħt il-kontroll tiegħu oġġett razzjonat, jiġifieri żejt tal-ikel mhux skond ir-regolamenti tar-razzjon; akkwista oġġett razzjonat, jiġifieri żejt tal-ikel, mhux skond ir-regolamenti tar-razzjon; iddispona minn oġġett razzjonat, jiġifieri żejt, illegalment; biegħ, bi ħsara tax-xerrejja, żejt mhux taxxorta, sustanza u kwalità tal-oġġett mitlub mix-xerrejja; ħadem żejt f'numru 542 High Street, Ħamrun, mingħajr liċenza tal-Pulizija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Jannar 1957, li biha sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, iżda, mħabba l-kondotta tajba preċedenti tiegħu u ċ-ċirkustanzi l-oħra tal-każ illiberatu taħt id-dispożizzjonijiet u obligi talart. 23 tal-Liġijiet Kriminali; sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, u kkundannatu £10 multa; sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni, ċioè talli xtara oġġetti razzjonati minn għand xi persuna mhux skond ir-regolamenti, u kkundannatu £150 multa; talli kellu taħt il-kontroll tiegħu oġġett razzjonat aktar mill-kwantità stabbilita taħt dawn ir-regolamenti, u kkundannatu £30 multa; talli għamel użu jew iddispona b'xi mod ieħor illegalment minn oġġett razzjonat, u żamm u għamel użu u ddispona minn oġġett tar-razzjon għal skop

barra minn dak li għalieħ l-akkwist ta' oġġett razzjonat kien permess, jew xi kontravvenzjoni ta' xi kondizzjoni magħmula fil-liċenza jew ktieb tar-razzjon maħruġ għall-akkwist tal-oġġett razzjonat, u kkundannatu £30 multa; sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni, ċjoè talli biegħ, bi ħsara tax-xerrej, ħwejjeġ tal-ikel li ma kienux tax-xorta, sustanza u kwalità tal-oġġett mitlub mix-xerrej, u kkundannatu £5 multa; sabitu ħati tal-ħames imputazzjoni, ċjoè talli ħadem żejt fin-numru 542 High Street, Ħamrun, mingħajr liċenza tal-Pulizija, u kkundannatu £1 ammenda; fl-aħħarnett ordnat il-konfiska tal-oġġetti kollha eżibiti;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li jiġi liberat mit-tieni, tielet, raba' u ħames imputazzjonijiet, u b'hekk tiġi riformata s-sentenza appellata;

Trattat l-appell;

Rat in-nota ta' riljevi tal-appellant;

Ikkunsidrat;

It-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, kif jidher mill-paragrafu dwar l-uniku aggravju, hi miġjuba l-quddiem in bażi tal-art. 19(d) Kap. 12. Id-difiża ssostni li, ġaladarba l-appellant ġie misjub ħati tad-delitt ta' frode kummerċjali, li hu punibbli b'piena ta' mhux anqas minn tliet xhur priġunerija jew lavori forzati, għalhekk ma għandhiex tingħata piena għall-imputazzjonijiet l-oħra. F'dan is-sena fir-rikors qegħedha tintalab, inkorrettament, il-liberazzjoni mill-imputazzjoni;

Issa, l-art. 19 (d), li qiegħed taħt l-intestatura tad-"Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar kif jingħataw u jiġu eżegwiti l-Pieni", jippresupponi l-applikazzjoni effettiva tal-piena, mentri f'dan il-każ, għad-delitt kien hemm, mhux l-appli-

kazzjoni ta' piena, imma anzi s-sospensjoni tagħha taħt l-art. 23 Kap. 12, li, kif inhu magħruf, hu "conviction", imma mhux "sentence". Vwoldiri, hemm dikjarazzjoni ta' reità, iżda ma hemmx kundanna għall-piena;

Biex wieħed jipperswadi ruħu minn hekk, biżżejjed iħares lejn l-art. 429(2) Kap. 12, taħt l-intestatura tal-Appelli, li tgħid hekk:— "Meta l-kundanna għall-piena tiġi mwaqqfa taħt l-art. 23, il-ħati jista'...... jappella kontra s-sentenza li tkun sabitu ħati". Minn dan jidher ċar li kundanna għall-piena ma hemmx, għax il-piena hija mwaqqfa, u li hemm biss dikjarazzjoni ta' reità. Diversament, ma kienx ikun hemm bżonn ta' dispożizzjoni speċjali għall-każ ta' appell mill-art. 23, għax il-benefiċjarju ta' dak l-artikolu kien ikun jista' jappella bħal kwalunkwe kundannat, kieku kien kundannat. Għalhekk, il-gravam ma jsibx il-fondament tiegħu fil-liġi;

Osserva d-difensur li, jekk l-appellant jikkommetti reat ieħor, u n-normi tal-konkors ma jiġux applikati issa, jista' jitlef, f'eventwalità simili, il-benefiċċju tal-konkors kommiżurativ tal-pieni. Issa, apparti li jekk l-appellant jerġa jiżbalja jkun tort tiegħu, wieħed għandu jirrifletti f'dan is-sens: jekk l-imputat jikkommetti kontravvenzjoni, din ma ġġibx rivivixxenza tal-piena sospiża, għax peress li f'dan il-każ si trattava ta' delitt, għalhekk, skond il-liġi, il-kommissjoni ta' kontravvenzjoni ma tirrikjamax il-piena sospiża, imma tista' tirrikjamaha biss il-kommissjoni ta' delitt; jekk jikkommetti delitt (dejjem, s'intendi, fit-terminu preskrizzjonali), allura, meta jkun imsejjaħ biex jirrispondi għad-delitt nwovament kommess u għall-inflizzjoni tal-kundanna sospiża għad-delitt preċedenti, ikun jista' jinvoka norma oħra tal-konkors f'każ ta' żewġ delitti. "Le norme per il concorso delle pene si applicano tanto nel giudizio simultaneo di più reati, quanto in quello che, dopo la condanna per un reato, ha luogo per un altro reato commesso precedentemente". "Il giudice che, dopo una sentenza di condanna, giudica la stesa persona per altro reato commesso

prima della condanna, ha obbligo...... di fare applicazione delle regole del concorso" (Coen, voce Pena, para. 138-139);

Jista' anki jiżdied, kwantu għall-gravam tal-appell, li ġie ritenut mill-Cassazione Penale tal-Italja, in re Solaris, 25.7.1894, illi:— "La vigilanza speciale della pubblica sicurezza non è una pena, e la medesima deve sempre essere ordinata nei casi stabiliti dalla legge senza che concorra nella valutazione prescritta dall'art. 78 del Codice Penale" (Giurisprudenza Penale Tor., 14, 418); bl-istess mod kif fil-każ preżenti l-applikazzjoni tal-art. 23 mhijiex piena, u kwindi ma tintegrax l-ipotesi tal-konkors ta' pieni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Iddeċediet billi rrespinġiet l-appell tal-imputat kif bażat fuq dak l-uniku aggravju, u kkonfermat il-pronunċja appellata.